

Konvenut: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (rappreżentanti: inizjalment minn C. Jenewein, sussegwentement minn G. Schneider u D. Walicka, aġenti)

Parti oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-UASI: Abbott Laboratories (Abbot Park, Illinois, l-Istati Uniti)

Suġġett

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tar-Raba' Bord tal-Appell tal-UASI tal-24 ta' Lulju 2009 (Każ R 1234/2008-4), dwar proċedimenti ta' oppożizzjoni bejn Abbott Laboratories u Retractable Technologies, Inc.

Dispożittiv

(1) *Ir-rikors huwa miċħud.*

(2) *Retractable Technologies, Inc. hija kkundannata għall-ispejjeż.*

(¹) ĠU C 282, 21.11.2009.

Sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-24 ta' Mejju 2012 — Grupo Osborne vs UASI — Industria Licorera Quezalteca (TORO XL)

(Kawża T-169/10) (¹)

(“Trade mark Komunitarja — Proċedimenti ta' oppożizzjoni — Applikazzjoni għat-trade mark Komunitarja verbali TORO XL — Trade mark Komunitarja figurattiva preċedenti XL — Raġuni relattiva għal rifjut — Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament Nru 207/2009 — Nuqqas ta' probabbiltà ta' konfużjoni”)

(2012/C 200/22)

Lingwa tal-kawża: l-Ispanjol

Partijiet

Rikorrenti: Grupo Osborne, SA (El Puerto de Santa María, Spanja) (rappreżentanti: J.M. Iglesias Monravá, avukat)

Konvenut: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (rappreżentant: J. Crespo Carrillo, aġent)

Parti oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-UASI, intervenjenti quddiem il-Qorti Ġenerali: Industria Licorera Quezalteca, SA (Quetzal Tenango, il-Gwatemala)

Suġġett

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tat-Tieni Bord tal-Appell tal-UASI, tat-22 ta' Jannar 2012 (Każ R 223/2009-2), dwar proċedimenti ta' oppożizzjoni bejn Industria Licorera Quezalteca, SA u Grupo Osborne, SA.

Dispożittiv

(1) *Id-deċiżjoni tat-Tieni Bord tal-Appell tal-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (UASI), tat-22 ta' Jannar 2012 (Każ R 223/2009-2), hija annullata.*

(2) *L-UASI huwa kkundannat għall-ispejjeż.*

(¹) ĠU C 148, 5.6.2010

Sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-25 ta' Mejju 2012 — Nike International vs UASI — Intermar Simanto Nahmias (JUMPMAN)

(Kawża T-233/10) (¹)

(“Trade mark Komunitarja — Proċedimenti ta' oppożizzjoni — Applikazzjoni għat-trade mark Komunitarja verbali JUMPMAN — Trade mark nazzjonali verbali preċedenti JUMP — Raġuni relattiva għal rifjut — Probabbiltà ta' konfużjoni — Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009”)

(2012/C 200/23)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrenti: Nike International Ltd. (Beaverton, Oregon, l-Istati Uniti) (rappreżentant: M. de Justo Bailey, avukat)

Konvenut: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (rappreżentant: P. Geroulakos, aġent)

Parti oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-UASI, intervenjenti quddiem il-Qorti Ġenerali: Intermar Simanto Nahmias (Çatalca-Istanbul, it-Turkija) (rappreżentanti: J. Güell Serra u M. Curell Aguilà, avukati)

Suġġett

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tal-Ewwel Bord tal-Appell tal-UASI, tal-11 ta' Marzu 2010 (R 738/2009-1), dwar proċedimenti ta' oppożizzjoni bejn Intermar Simanto Nahmias u Nike International Ltd.

Dispożittiv

(1) *Ir-rikors huwa miċħud.*

(2) *Nike International Ltd. hija kkundannata għall-ispejjeż.*

(¹) ĠU C 195, 17.07.2010.